# L-ANĠLU U X-XITAN

*Ta'* PAWLU MIFSUD

Hu kien laħaq kap f'dak l-uffiċċju. Hu. Is-Sur Manwel Borges, raġel ta' erbgħin sena, bejn qasir u mhux, bejn oħxon u rqiq, bejn ikreh u sabiħ. Fuq kollox għażeb. U qabel kull ħaġ'oħra bniedem ta' kuxjenza. Jaħdem daqs min jaħdem, u jaf jorganizza kull fejn ikun, u x-xogħol dejjem miexi ħarir. Il-ħmerija kienet li dawk li kienu jinzertaw miegħu kienu jitmeżmżu nitfa waħda minħabba li kien ikollhom isistu huma wkoll. Mhux li se jaqtgħu l-blat jew se jherru saħħithom. Imma kienu jridu jaħdmu dik in-naqra waħda iktar mis-soltu, iktar milli kienu jixtiequ, iktar milli kienu mdorrijin.

U issa kien laħaq kap u bagħtuh f'uffiċċju fejn sab ruħu mdawwar minn ġemgħa żgħażagħ tajpisti u skrivani kollha għadhom tarjin, kollha fl-aħjar tagħhom, u aktarx li s-sitta li kienu moħħ ir-riħ. Imma s-Sur Manwel ma ħabbelx rasu u mill-ewwel erħielha jdur magħhom u jfihemhom bil-kwiet u bl-edukazzjoni kollha dak li kien jippretendi minnhom. Minn kull wieħed u waħda minnhom. Xogħol nadif, magħmul bil-għaqal, mingħajr xejn għaġġla imma ma jaqtax u ma jibqax lura. Ma kienx se jħabbel moħħu jekk kultant jiċċajtaw xi waħda bejniethom sakemm ma jkunx hemm esaġerazzjoni u dak li jingħad ma jkunx iħammar il-wiċċ ta' min jisma'.

Mis-sitta li kien hemm jaħdmu fl-uffiċċju tas-sur Manwel, erbgħa kienu tfajliet, taħlita ta' tnejn koroh u tnejn sbieħ. It-tnejn l-oħra kienu ġuvintur li xejn ma jimporta jekk kinux ħelwin jew le. Għal min hu raġel mhix ħaġa ta' ħtieġa kbira li jkun gustuż, iktar jaqbillu jkun bieżel, ta' karattru sod u jaf x'għandu jagħmel biex jaqdef 'il quddiem kemm jista' fil-ħajja. Minnhom is-sitta kien hemm waħda mill-koroh li ħadet grazzja mal-prinċipal ma' l-ewwel daqqa t'għajn li tatu u waħħlitha f'moħħha li taħdem u tistinka biex togħġbu kemm tista'. Ma rridx naħseb li kellha xi tir f'rasha, ngħidu aħna, li tiżżewġu, ladarba s-Sur Manwel kien jiġi missierha miż-żmien. U kieku stess wieħed irid jifhem li hu kien jitbażża' tant min-nisa li f'moħħu kien ilu li fassalha li jibqa' jgħix mingħajr mara sat-tmiem ta' ħajtu. Imma biex inkomplu bil-ġrajja tagħna, nissuktaw ngħidu li kien hemm ukoll waħda mit-tfajliet is-sbieħ li bagħditu f'qalbha ċumm blumm. Hekk, bla ebda raġuni ta' xejn, jew għax forsi kienet tarah ikreh f'għajnejha. U għaldaqstant, waħħlitha f'rasha li titnikker kemm tiflaħ fix-xogħol biex tinkih u tarah jinkwieta. U tieħu gost u pjaċir hi fil-qalb kapriċċuża li kellha.

L-erbgħa l-oħra, iż-żewġ tfajliet li kien fadal u ż-żewġ ġuvintur ma kienu jinkwitaw xejn. Għalihom is-Sur Manwel u s-Sur Paċikk u

s-Sur Tumas kien kollu wieħed. Jagħmlu dak li għandhom jagħmlu u barra bid-daqq.

Imma mhux hekk kienu t-tnejn li semmejna: il-kerha kienet dejjem tindiehes mal-kap tagħha mill-aħjar li tista', iddur bih u taqdih f'kollox u f'ħakka t'għajn, taqbeż għalih ma' sħabha l-iktar meta ma jkunx hemm hu. U sikwit tiġġiel d ma' sehbitha s-sabiħa li kienet tiddieħek bis-Sur Manwel bla mistħija ta' xejn imqar f'wiċċu f'xi waqtiet. Kent tistenna li dawn it-tnejn għad xi darba jaqbdu f'xulxin u jagħtu daqqtejn ukoll. U dan kollu minħabba l-prinċipal tagħhom: is-sur Manwel Borges.

Kif għedna, ladarba dan is-Sur Manwel ma kienx xi baħnan u għajnejh kienu jkunu dejjem nofshom miftuħa għalli jkun qed jiġri madwaru, malajr intebah bl-affari kollha. Fehem dlonk li t-tfajla l-kerha kienet lesta biex tħalli ħajjitha għalih u li t-tfajla s-sabiħa kienet tixtieq tarah mgħallaq f'nofs ta' misraħ. U mingħajr ma qagħad jagħti każ iżżejjed u jgħarbel għaliex hekk u mhux hekk, baqa' biex ma jurihom b'xejn. La lilhom it-tnejn u lanqas lill-erbgħa l-oħra. U x-xhur baqgħu jgerrbu, ix-xogħol mexa tajjeb, u l-ħajja ndrat. Indrat minn kulħadd. Sakemm......

Sakemm jum fost l-oħrajn ġrat ħaġa li qalbet il-folja ta' taħt fuq u r-rota li kienet iddur mix-xellug għal-lemin waqfet u ħadet x-xejra kontra u bdiet iddur mil-lemin għax-xellug. Tgħiduli x'ġara sewwa mela? Ġara li meta s-Sur Manwel ġie mitlub jirrikkmanda waħda mit-tfajliet tajpisti li kellu ħalli tilħaq fi grad ogħla u tmur taħdem f'dipartiment aqwa, hu ma rahiex bi kbira li jirrikkmanda bi sħiħ lil dik it-tfajla s-sabiħa. Lil dik li ma kellhiex grazzja miegħu. U sar kif qal hu. It-tfajla s-sabiħa laħqet u marret minn hemm u flokha tawh ġuvni li bħall-erbgħa l-oħra ma kienx jimpurtah wisq min kien il-kap ta' l-uffiċċju tiegħu sakemm hu jagħmel dmiru.

Imma ġara wkoll li s-Sur Manwel ma kienx għad baqagħlu min iħobbu mħabba barranija fl-uffiċċju għax it-tfajla l-kerha kienet ħaditha bi kbira wisq li l-oħra ħadet ħlas tajjeb meta fis-sewwa ma kienx ħaqqha. Hi kien jixirqilha wisq iktar minn dik. U minn dak il-waqt it-tfajla l-kerha tfanstet bi sħiħ u lis-Sur Manwel ma baqgħetx iżżiegħel bih għalkemm ma nistgħux ngħidu li saret toboghdu.

It-tfajla s-sabiħa, għalkemm mistagħġba hi wkoll għal dak l-għemil stramb tas-Sur Manwel, fehmet li hu kien ħeles minnha pulit pulit. Sab l-okkażjoni u taha l-addiju minnufih. Kien x'kien, l-istmerrija li kellha għas-sur Manwel kienet intemmet u kull meta tarah kienet tieqaf tkellmu u tifraħ bih qisha ltaqgħet ma' l-anġlu kustodju tagħha. Imma hu kien jeħles u jaħrab minnha fi ftit żmien u dejjem iġibilha l-iskuża li kien ikun mgħaġġel. Mgħaġġel biex jiskansa minnha. Tfajla anġlu bħal dik! Jew aħjar tfajla xitan bħal dik!